GHASRI

**Kunsill Lokali Ghasri**
**6 Triq Dun Karm Caruana, Ghasri, Ghawdex.**
**(Tel. No. 21558686 - Fax No. 21558655)**

*Ref. Nru. VI/10*

Minuti tal-Laqgha Nru. 10 tal-Kunsill Lokali Ghasri (is-Sitt Terminu), li nzammet nhar it-Tlieta 20 ta' Jannar 2009 fis-6.30p.m. fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgha kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Andrew Vella.

Membri ohra tal-Kunsill li kienu prezenti :
Is-Sur Emmanuel Mintoff (Vici Sindku)
Is-Sur Frank Formosa
Is-Sinj. Renance Vella Aquilina
Is-Sur Joseph Farrugia

**I. Talba**
Fil-bidu tal-laqgha s-Segretarju qal it-talba.

**II. Minuti**
**I. Approvazzjoni**
Quddiem il-Kunsill tressqu l-Minuti ta' l-ahhar Seduta Nru. 9. Peress li l-minuti kienu tqassmu qabel il-laqgha, dawn gew mehuda bhala moqrija.

**2. Emendi**
Ghal dawn il-minuti ma tressqux proposti ghal emendi. Ghalhekk dawn gew mehuda bhala korretti kif ipprezentati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju.

**III. Materji mill-Minuti**
**1. "Speed Moderators"**
Dawn li "Speed Moderators" twahhlu fi Triq il-Fanal kif kien qabel fuqhom il-Kunsill.
**2. Drenagg fi Triq il-Wilga**
Wara diversi kuntatti li s-Sindku kien ghamel mal-Ministeru ghal Ghawdex kif ukoll mal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma, kien gie accettat li l-pajpijiet tad-drenagg li ghaddejjin minn Triq il-Wilga, jergghu jsiru mill-gdid peress li kien qed ikun hemm block regolarment u d-drenagg kien qed johrog tul it-triq. Skond kif kien infurmat is-Sindku x-xoghlijiet kollha ghandhom jibdew fi zmien qasir peress li diga kienet inharget l-offerta.
**3. Tiswijiet fi Triq il-Fanal**
Is-Sindku qal li bhalissa qed ikollna xi lmenti rigward il-kundizzjoni ta' parti minn Triq il-Fanal fejn ghad ma saritx bit-tarmak. Din il-hsara giet ikkawzata mix-xita kontinwa li ghamlet tul dan ix-xahar.

Hu ghalhekk issuggerixxa li naghmlu t-tiswija mehtiega izda din issir temporanjament billi l-hofor li hemm jimtlew bil-konkos peress li ghadu ghaddej l-ilma mit-triq.
Hekk kif it-triq tinxef, inkunu nistghu nergghu naghmlu t-tiswija bil-Cold Mix.

**IV. Korrispondenza**

i. Cirkulari mill-Ufficcjal Awtorizzat is-Sur David Soler fejn qed jaghti dettalji kif se tithaddem is-sistema ta' nfurzar lokali fuq tindif ta' oggetti mitluqa fil-kampanja. Din il-hidma se tkun ko-ordinata bejn il-Pulizija, l-Mepa u d-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Il-Kunsilli gew imhegga biex jaghtu kull ghajnuna bi preparazzjoni ta' ritratti u site-plans u dettalji ohra relatati ma' l-oggett.
ii. Applikazzjoni ghal permess ta' l-izvilupp fi Triq iz-Zebbug biex jinbena mahzen ghall-ghalf ta' l-annimali.
iii. Minuti tal-laqgha tal-Kumitat Kongunt ghal Ghawdex liema laqgha saret nhar il-Gimgha 12 ta' Dicembru, 2008.
iv. Is-Segretarju Parlamentar Dr Chris Said baghat jitlob taghrif dwar l-applikazzjonijiet li l-Kunsilli ghandhom pendenti quddiem il-Mepa.
v. Id-Dipartiment ta' l-Artijiet baghat jinforma lill-Kunsill li kienet qed tiggedded bi 3 snin, il-kirja ta' l-art fejn kienu nbnew zewg Public Toilets.

**V. Mozzjonijiet**

**1. Process tal-Gemellagg**

Is-Sindku ta taghrif fuq il-hidma li qed issir mill-Kunsill halli nkomplu bil-process ta' Gemellagg mal-lokalita ta' Ottenschlag.
Il-pjanijiet huma li minn Ottenschlag jigu jzuruna numru sabih ta' aktar minn tletin persuna. Dawn se jigu hawn ghal zmien il-festa tal-parrocca u se joqghodu hawn mill-Erbgha sal-Hadd.
Bhalissa qeghdin isiru l-preparamenti halli jitfassal il-programm ta' meta dan il-grupp se jkun hawn fostna. Hemm il-hsieb li l-Gimgha jkun iffirmat il-ftehim ta' gemellagg.
Is-Sindku qal li ghall-Gimgha filghaxija wkoll ghal waqt l-ikla, se ngibu grupp minn Malta halli jallegra l-pubbliku prezenti.
Sadanittant il-Kunsill ghaddej f'laqghat ma' ufficcjali mill-Meusac halli titressaq applikazzjoni biex ninghataw fondi mill-EU bhala ghajnuna finanzjarja ghall-gemellagg.
L-applikazzjoni ghal fondi se tkun ibbazata l-aktar diretta lejn il-qasam agrikolu. B'hekk l-EU tkun tista' taghtina aktar punti biex taccetta l-applikazzjoni taghna.
Is-Sindku kompla jaghti dettalji kif hu mahsub li tkun imqassma z-zjara tad-delegazzjoni li se jkollna fostna. Hemm il-hsieb li inzommu zjajjar mal-bdiewa lokali halli b'hekk niddiskutu mezzi moderni agrikoli. Il-programm taghhom se jkun jinkludi wkoll li ninvolvuhom fl-attivita ta' loghob li jzomm il-Kunsill qabel il-festa. Il-programm dettaljat ghandu jigu mfassal meta jkun hawn Gudrun Moggach ghall-ahhar ta' Frar.
Pjan iehor hu li nzommu laqghat ghall-bdiewa organizzati flimkien mal-Ministeru ghal Ghawdex.
Sadanittant qeghdin isiru talbiet lil diversi lukandi halli nigbru l-ahjar prezzijiet ghall-alloggar tal-grupp. Ghalhekk ghandhom isiru aktar kuntatti ma' lukandi u specjalment mal-Kumpless Turistiku Ta' Frenc halli ninghataw prezzijiet tajbin.

**2. Progett ta' Triq Dun Karm Caruana**

Rigward dan il-progett li jinkludi l-kostruzzjoni ta' gandott ghall-ilma tax-xita u l-bdil tal-mejn ta' l-ilma tad-djar u finalment il-kisi bit-tarmak tat-triq kollha, s-Sindku qal li hu ghal diversi drabi avvicina lill-Perit inkarigat biex dan johrog il-Bill of Quantities tax-xoghol involut. S'issa dawn id-dokumenti ghadhom mhux lesti.
Hekk kif jaghtihomlna l-Perit, inkunu nistghu nippublikaw is-sejha ghall-offerti.

**VI Materji Ohra**

**1. Tindif ta' Hamrija minn Triq**

Is-Sur Emanuel Mintoff ressaq talba li saret lilu minn Brian Mizzi fejn dan qed jitlob li t-triq fejn ir-residenza tieghu fit-triq ta' Wied il-Ghasri tkun accessibbli peress li kien waqa' hajt ta' l-ghalqa u t-triq giet f'kundizzjoni li wiehed ma jistax jghaddi.
Is-Sindku qal li hu kien kellem lil sid l-ghalqa u dan wera li ma kienx interessat li jerga' jibni l-hajt. Il-Kunsill innota wkoll li biex jinbena l-hajt mill-Kunsill stess kienet tigi spiza gholja. Ghalhekk kien deciz li jitnehha t-tajn li akkumula u li fit-triq fejn jingabar l-ilma jintefa' z-zrar halli jinghalqu l-hofor.

**VII. Hlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif apprezentata giet accettata mill-Kunsill.
Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemez mal-minuti.

Il-laqgha tal-lum intemmet fit-8.00p.m.

Andrew Vella
Sindku

Joe Camilleri
Segretarju Ezekuttiv

Data : __________________